**Tribunal Industrjali**

**Decizjoni Numru: 2786**

**Kaz Nru: 3572/17/AM**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Alessandro Caselli (ID 0362700L)**

**u**

**J.P. Advertising Limited (C-5846)**

**Chairperson: Dr Anna Mallia LL.D., LL.M. (lond)., Dip.Tax (MIT)**

Illum 3 ta' Dicembru, 2021

It-Tribunal,

**Fatti fil-Qosor tal-Kaz**

Illi r-rikorrent *nomine* qieghed isostni li l-kumpanija ntimata ma mxietx mieghu skond il-ligi meta ddecidiet li titterminalu l-impjieg minhabba redundancy u talab dawk il-mizuri kollha mehtiega li taghtih il-ligi, nkluz l-imposizzjoni ta' kumpens xieraq u adegwat skont il-ligi.

A fol 21 il-partijet qablu li x-xhieda kollha li ser jinstemghu f'dawn il-proceduri japplikaw ghal kaz nru 3571/17/AM u kaz 3573/17/AM ukoll cioe' dawn it-tlett kwistjonijiet tax-xoghol kollha bazati fuq l-istess ragunijiet instemghu simultanjament, u x-xhieda u provi li ngabu f'kaz japplikaw ghaz-zewg kazijiet l-ohra u dan bi qbil bejn il-partijiet u l-avukati taghhom.

Illi mill-banda l-ohra s-socjeta' ntimata sostniet li hija applikat il-ligi meta tterminat l-impjieg tar-rikorrent fuq bazi ta' redundancy.

It-Tribunal, ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz u dan kif gie lilu pprezenatat mill-partijiet kontendenti. Illi in oltre t-Tribunal evalwa l-provi mressqa quddiemu flimkien mad-dokumenti pprezentati. Di piu', gew ipprezenatati zewg noti ta' osservazzjonijiet miz-zewg difensuri tal-partijiet, u ta' dan, l-istess Tribunal ha in konsiderazzjoni tal-istess argumenti mressqa fl-istess noti ta' l-istess difensuri u anke sema' lill-avukati tal-partijiet jaghmlu t-trattazzjoni finali. In oltre, ma kienx possibbli li dan it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fi zmien xahar kif stipulat fil-ligi u dan stante l-limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi, d-diversi bdil fic-*Chairpersons*, minhabba d-diversi talbiet ta' differimenti kemm mill-istess partijiet jew ir-rapprezentanti legali taghhom u kif ukoll minhabba l-pandemija tal-Covid-19.

Illi, r-rikorrent kien rapprezentat mill-Avukat, Dottor Paul Gonzi mentri s-socjeta' ntimata kienet rapprezentata minn Dr Andrew Borg Cardona.

**Talbiet tar-rikorrent**

**Ra r-rikors tar-rikorrent** li permezz tieghu ppremetta u talab dan li gej:

Li huwa kien impjegat mas-socjeta' ntimata b'effett mit-28 ta' Novembru 2002 permezz ta' kuntratt liema kuntratt gie emendat minn zmien ghal zmien; li l-impjieg tieghu u ta' zewg kollegi tieghu gie terminat b'ittra tas-27 ta' Marzu 2017 ghar-raguni allegata ta' redundancy b'effett immedjat u cioe' d-data tat-terminazzjoni kienet is-27 ta' Marzu 2017 u r-rikorrrent ma thalliex jahdem in-notice; li r-raguni moghija mill-kumpanija ta' redundancy kienet biss skuza sabiex tigi gustifikata d-decizjoni arbitrarja diskriminatorja u ngusta tal-kumpanija u dan peress li mhux minnu li kien hemm cirkostanzi li jiggustifikaw redundancy, inkluz billi r-rwol li kellu r-rikorrent ma kienx superfluwu u ma gietx abolita u jirrizulta li mpjegati ohrajn tal-kumpanija (partikolarment dawk li kienu jiffurmaw parti minn kumpanija "Visual Trends" inghataw trattament favoreoli a skapitu tar-rikorrent u dan minghajr ebda raguni gustifikabbli; li t-temm tal-impjieg sar habta u sabta minghajr l-ebda forma ta' konsultazzjoni mar-rikorrent u/jew mall-kollegi tieghu minghajr ma r-rikorrent kellu xi hjiel li seta' jitlef il-post tax-xoghol; li b'kuntrast ghal dan bhala stat ta' fatt sa l-ahhar gurnata tax-xoghol tieghu r-rikorrent kellu xoghol sostanzjali x'jesegwixxi ghall-klijenti tal-kumpanija; in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, dato ma non concesso li kien hemm redundancy, il-kumpanija ntimata naqset milli tikkonforma mall-obbligi taghha li jirrigwardjaw kemm (i) id-dritt tar-rikorrent li jahdem n-notice (Art. 3(8) Kap 452) kif ukoll (ii) id-disposizzjoni tal-Ligi li jobbliga lill-principal jappika il-mekkanizmu ta' selezzjoni tal-Last in First Out u cioe' Ii jtemm l-impjieg ta' dik il-persuna li tkun impjegata l-ahhar fil-klassi tal-impjieg milquta minn dik ir-redendancy; li ghaldaqstant it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent fuq bazi ta' redundancy ma saritx skond l-Att Dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta) u kienet tkeccija ngusta; li r-rikorrent kien impjegat leali, ezemplari u diligenti u li dejjem qeda dmirijietu bir-reqqa; li minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrent qieghed jirrizerva kwalunkwe drittijiet spettanti lilu inter alia rigward id-drittijiet tal-awtur li jgawdi r-rikorrent fuq xogholijiet ta' dizinn u branding u li sa llum l-istess kumpanija ntimata qed tuza u/jew qed tippermetti l-uzu taghhom minghajr l-ebda kumpens ghar-rikorrent u dan bi ksur tad-drittijiet tieghu ta' awtur skond il-Kap 415 tal-Ligijiet ta' Malta nkluz d-drittijiet morali jipprovdi ghalihom l-istess Kap 415.

Ghalhekk in vista tas-suespost u ghar-ragunijiet premessi r-rikorrent qieghed jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal Industrjali sabiex: (a) jiehu konjizzjoni tar-rikors odjern, jisma' u jiddeciedi l-kawza li qed iressaq r-rikorrrent dwar allegata tkeccija ngusta; u (ii) jiddikjara fuq kollox li r-raguni tat-temm tal-impjieg et quo ma kienetx skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 452; u jillikwida l-kumpens ghat-tkeccija ngusta li jrid ihallas il-principal tenendo kont ta' inter alia d-danni reali u telfien li jkun bata r-rikorrent kif ukoll cirkostanzi ohra skond l-Artikolu 81(2)(a) tal-Kap 452 u (d) jordna l-hlas tal-kumpens mill-principal hekk kif jigi likwidat. U dan taht kull provvediment iehor li dan l-Onorabbli Tribunal Industrijali joghgobu jordna.

**Risposta tas-socjeta' ntimata**

**Ra l-istqarrija tar-risposta tas-socjeta' ntimata fol 23** li permezz taghha l-istess socjeta' ntimata eccepiet li dan hu kaz ta' terminazzjoni a bazi ta' redundancy u ghaldaqstant filwaqt li hu maghruf li t-Tribunal irid jezamina l-mertu hu eccepit li t-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni fir-rigward. Li l-fatti fil-qosor huma li l-kumpanija kienet qed topera b'telf kif jigi muri waqt is-smiegh u kien hemm bzonn ta' ristrutturar b'dan l-irwol tar-rikorrent kellu jigi eliminat.

**A fol 26 l-avukat tas-socjeta' ntimata** spjega li l-ewwel eccezzjoni tieghu hija fis-sens li minhabba li d-definizzjoni ta' tkeccija ngusta li hemm fil-ligi fejn jinghad li jekk hija kaz ta' redundancy ma hemmx tkeccija ngusta; li peress li hija miktuba hekk l-eccezzjoni titpogga b'dan il-mod imma huwa car li jridu jinstemghu l-provi fil-mertu dwar it-tkeccija biex jekk eventwalment jirrizulta li hemm redundancy it-Tribunal teknikament flok jghid li t-tkeccija hija kienet wahda konformi mal-ligi u allura mhux ingusta sempliciment jghid li kienet redundancy allura ma hemmx gurisdizzjoni.

***A fol 47 (seduta 5 t'April 2019) l-avukat tas-socjeta' ntimata*** spjega li l-ewwel eccezzjoni tieghu hija fis-sens li minhabba li d-definizzjoni ta' tkeccija ngusta li hemm fil-ligi fejn jinghad li jekk hija kaz ta' redundancy ma hemmx tkeccija ngusta; li peress li hija miktuba hekk l-eccezzjoni titpogga b'dan il-mod imma huwa car li jridu jinstemghu l-provi fil-mertu dwar it-tkeccija biex jekk eventwalment jirrizulta li hemm redundancy it-Tribunal teknikament flok jghid li t-tkeccija hija kienet wahda konformi mal-ligi u allura mhux ingusta sempliciment jghid li kienet redundancy allura ma hemmx gurisdizzjoni.

A fol 21 (seduta 19.01.2018) il-partijiet qablu li l-proceduri jinstemghu bil-Lingwa Ngliza pero' l-verbali u d-decizjoni ser isiru bil-Lingwa Maltija.

**Kaz Nru 3572/17/AM, Kaz Nru 3573/17/AM u Kaz Nru 3571/17/AM jinstemghu kontestwalment**

A fol 26 l-partijiet qablu li x-xhieda kollha li ser jinstemghu f'dawn il-proceduri japplikaw ghal kaz nru 3572/AM u kaz 3573/AM ukoll cioe' dawn it-tlett kwistjonijiet tax-xoghol kollha bazati fuq l-istess ragunijiet instemghu simultanjament, u x-xhieda u provi li ngabu f'kaz japplikaw ghaz-zewg kazijiet l-ohra u dan bi qbil bejn il-partijiet u l-avukati taghhom.

**Provi esebiti fil-kaz nru 3572/17/AM Alessandro Caselli**

Fol 23 – stqarrija tal-kaz tas-socjeta' ntimata

Fol 26 – verbal fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2018 li l-proceduri ser jinstemghu bil-lingwa Ngliza pero' l-verbali u d-decizjoni ser isiru bil-lingwa Maltija

Fol 27 – xhieda ta' Steve Cassar (seduta 19 ta' Jannar 2018)

Fol 36 – xhieda ta' Steve Cassar (seduta 18 ta' Mejju 2018)

Fol 193 – xhieda ta' Steve Cassar (seduta 21 ta' Gunju 2018)

Fol 230 – affidavit ta' Steve Cassar prezentat fis-17 ta' Dicembru 2020

Fol 243 – xhieda ta' Steve Cassar (seduta 22 ta' Jannar 2021)

Fol 46 – statement mhux guramentat ta' Chris Bianco

Fol 57 – xhieda ta' Alessandro Caselli (seduta 5 ta' April 2019)

Fol 66 – affidavit ta' Alessandro Caselli

Fol 184 – xhieda ta' Brandon Magri in rapprezentanza tad-Dipartiment tax-Xoghol u tar-Relazzjoni Industrjali

Fol 185 – xhieda ta' Joseph Saliba in rapprezentanza ta' Jobsplus

Fol 203 – xhieda ta' Carmen Gove li kienet impjegata mas-socjeta' ntimata u kienet taghmel xoghol ta' HR fost xoghol iehor

Fol 206 – xhieda ta' Anthony Galea Studio Manager mas-socjeta' ntimata

**Dokumenti**

Dok AC 1 Fol 6 – kuntratt tax-xoghol ta' Alessandro Caselli

Dok AC 2 fol 16 – ittra tas-27 ta' Marzu 2017 tat-terminazzjoni tal-impjieg minhabba redundancy

Fol 20 – sekwestru li sar mir-rikorrenti kontra s-socjeta' ntimata fl-ammont ta' Ewro 10,000

Dok AC fol 48 – screenshot mehuda fis-27 ta' Marzu 2017 wara li r-rikorrenti gew mgharfa bis-sensja li juri s-set up tas-socjeta' ntimata prezentat fis-seduta tal-5 t'April 2019

Dok AC 01 fol 74 – ittra tat-13 t'Awissu 2016 mis-socjeta' ntimata lir-rikorrent tinfurmah li tawh awment fis-salarju ta' hames mitt ewro (€500) b'effett mil-1 t'April 2014 u li qed jintrabtu li jzidulu s-salarju sal-ahhar ta' Marzu 2016 minn Ewro 300 sa Ewro 650 fix-xahar.

Dok AC 02 fol 75 – estratt mill-harga tat-Times of Malta tad-19 ta' Novembru 2015 li jxandar il-merger bejn iz-zewg socjetajiet.

Dok AC 03 fol 77 – l-istess avviz li deher fit-Times of Malta u li jinsab esebit ukoll a fol 75

Dok AC 04 fol 78 – company handbook tas-socjeta' ntimata

Dok AC 05 fol 153 – paga tar-rikorrent ghax-xahar t'Awissu 2017 Ewro1600 u Ewro 38.26 fringe benefit ma' Concept to Completion Limited

Dok AC 06 fol 154 – paga tar-rikorrent ghax-xahar ta' Gunju 2017 Ewro 1526.15c u fringe benefit Ewro 73.85 ma' Concept to Completion Limited

Dok AC  7 fol 155 – paga tar-rikorrent ghax-xahar ta' Lulju 2017 Ewro 1600 u fringe benefit Ewro 40 ma' Concept to Completion Limited

Dok AC 08 fol 156 – paga tar-rikorrent ghax-xahar t'Awissu 2017 Ewro 1516.26c u fringe benefit Ewro 40 ma' Concept to Completion Limited

Dok AC 09 fol 157 – paga tar-rikorrent ghax-xahar ta' Settembru 2017 Ewro 269.30c u fringe benefit Ewro 40 ma' Concept to Completion Limited

Dok JP1 fol 158 – employment history sheet ta' Fiona Pace

Dok JP2 fol 161 – employment history sheet ta' Richard Hili

Dok JP3 fol 163 – employment history sheet ta' Alessandro Caselli

Dok JP4 fol 166– lista ta' mpjegati mas-socjeta' ntimata sal-31 ta' Dicembru 2015 'including persons with prov. terminations'

Dok JP5 fol 168 - lista ta' mpjegati mas-socjeta' ntimata sal-1 ta' Jannar 2016 'including persons with prov. terminations'

Dok JP6 fol 170 - lista ta' mpjegati mas-socjeta' Visual Trends sal-31 ta' Dicembru 2015 'including persons with prov. terminations'

Dok JP7 fol 171- lista ta' mpjegati mas-socjeta' ntimata sal-1 ta' Jannar 2016 'including persons with prov. terminations'

Dok JP8 fol 172 – termination of employment Form ta' Richard Hili

Dok JP9 fol 174 – termination of employment Form ta' Fiona Pace

Dok JP10 fol 176 – termination of employment Form ta' Alessandro Caselli

Dok JP11 fol 178 – lista tal-impjegati mas-socjeta' ntimata mil-1 ta' Jannar 2016 sal-25 t'April 2019 kif prezentata mill-Jobsplus

Dok ABC1 fol 122 – studio salaries fis-sena 2017 tal-impjegati mas-socjeta' ntimata u li minnhom jirrizulta li Caselli kellu paga ta' Ewro 1682.56c u li beda fl-impjieg tieghu fis-6 ta' Jannar 2003, Richard Hili kellu paga ta' Ewro 1570.47 u beda fl-impjieg tieghu fit-3 ta' Dicembru 2007 u Fiona Pace kellha paga ta' Ewro 1610.47 u bdiet fl-impjieg taghha fl-ewwel t'April 2008.

Dok PG A fol 150 – Parter Recognition Award by JCI Malta

Fol 237 – Award tas-socjeta' ntimata

Fol 261 – nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti kollha

Fol 284 – nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' ntimata

Fol 294 – trattazzjoni tal-avukat tas-socjeta' ntimata

**Xhieda prodotti f'din il-kwistjoni tax-xoghol**

**A fol 57 et xehed ir-rikorrent Alessandro Caselli** li ddikjara li ma jitkellimx u lanqas jifhem bil-Malti u ghalhekk xehed bil-lingwa ngliza: li huwa kien impjegat mas-socjeta' ntimata fis-sena 2003 u wara xi snin huwa gie promoss ghall-Creative Director. Huwa kien jahdem mall-kollegi Fiona u Richard u designers ohra. L-irwol taghhom kien li jikkrejaw u jahdmu fuq marketing campaigns ghall-klijenti tal-kumpanija. Bhala Creative Director huwa kien jiehu hsieb klijenti mportanti izda tista' tghid li kulhadd kien jaghmel l-istess xoghol. Huwa kien jiehu l-brief minghand il-Marketing Executive, jizviluppa l-kampanja fuq dan il-brief u jipprova jakkomoda lill-klijenti kemm jista' jkun kemm mill-aspett ta' design. Fit-team kulhadd kellu l-istess rwol ghalkemm certu nies kellhom aktar responsabilita' ghax kellhom aktar esperjenza. Qabel il-merger huwa saqsa jekk il-portfolio tal-klijent hux ser jibqa' l-istess u jekk telf ta' klijenti kienx ser ifisser telf ta' mpjiegi izda huwa baqa' bla twegiba minghand id-diretturi.

Meta saret il-merger bejn is-socjeta' rikorrenti u Visual Trends f'Jannar 2016 huma gew infurmati f'Novembru jew Dicembru 2015 li l-affarijiet ma kienux jidhru sbieh u li kien ser ikun hemm redundancy. Huwa jghid li wara sena u tlett xhur huma gew redundant b'mod tassew mhux professjonali u mhux gustifikabbli. Huwa jikkontendi li l-kumpanija ma applikatx last in first out principle u dan ghax kien ha screenshot mis-sistema tal-HR tal-kumpanija f'Marzu 2017 li turi dan. Dan id-dokument gie prezentat fol 43 u li skond l-intimat Caselli juri r-rwol ta' kull Designer fl-istudio u li kien hemm speci ta' gerarkija , li studio manager, zewg creative directors li ssejhu differenti izda li kellhom l-istess irwol u designers li juri li huwa kien ilu hemm aktar minn Richard (7th) u Fiona (8th) mid-disa' mpjegati u ghalhekk ma giex applikat il-principju ta' last in first out. Huwa spjega li Cris Anastasi ghalkemm registrat b'kariga differenti minn tieghu kien jaghmel l-istess xoghol bhalu u kien gie minn Visual Trends.

Id-dokument a fol 43 juri li tlieta jew erbgha designers gew minn Visual Trends u l-ohrajn cioe' studio manager Tony Galea, Gilbert Bonnici Senior Designer, Richard Hili Designer u Fiona Pace Designer, kienu mpjegati mas-socjeta' ntimata.

Caselli jispjega li ebda hjiel ta' redundancy ma kien hemm fis-sena 2016 tant li fl-ahhar erba' xhur tas-sena 2016 huma kienu mitluba ma jiehdux leave bejn Settembru u Dicembru ghax dak ikun il-perjodu meta l-kumpanija l-aktar li tkun busy. Kien fil-Christmas Lunch tas-

sena 2016 li gew infurmati li l-klijenti Melita ma baqghux aktar jahdmu ghalihom u kienu huma li tterminawlhom il-kuntratt.

Huwa jammetti li thallsu tan-notice period izda mhux kif suppost u lanqas ma thallas taz-zieda fil-paga ghal dik is-sena u ghalhekk kien ircieva l-paga ghal sena shiha minghajr dik iz-zieda.

Huwa jichad li sar xi cost cutting la fl-istudio u lanqas mil-lat ta' management u ma jistax jifhem kif il-kumpanija bdiet titratta klijenti kbar taghha bhal fil-kaz tal-kumpanija Benna meta l-kumpanija rrifjutat li taghmel rebranding taghha. Huma kellhom xoghol bhala JPA aktar minn Visual Trends bhala designers. Kienu trattati b'mod ingust u differenti mill-impjegati li gew minn Visual Trends u dan ghax il-workload ma kienx jitqassam sew, huma riedu jahdmu kull minuta mentri l-haddiema ta' Visual Trends kienu jidhlu fl-ghaxra jew anke fil-hdax u jiehdu saghtejn break, mentri l-haddiema ta' JP Advertising kellhom jahdmu x-xoghol taghhom u tal-haddiema ta' Visual Trends ukoll. Il-haddiema ta' Visual Trends kienu jaghmlu li jridu u ma kienux jghinuhom; qatt ma uzaw is-sistemi u l-proceduri tal-kumpanija mentri r-rikorrenti u shabu jekk ma juzawx dawn is-sistemi u proceduri tal-kumpanija Steve Cassar kien jibghat ghalihom mall-ewwel izda lill-haddiema ta' Visual Trends ma kien jghidilhom xejn.

**Fl-affidavit tieghu a fol 66 Caselli** xehed li huwa beda jahdem mas-socjeta' ntimata f'Jannar 2003 bhala Senior Graphic Designer u Chris Bianco kien direttur tal-istess kumpanija. Huwa spjega x'kien jinvolvi x-xoghol tieghu cioe' li proposing creative concepts to the design of artworks on various media, covering corporate identity, annual reports branding guidelines, packaging and advertising material.

Wara ghaxar snin f'April 2013 huwa ha promotion bhala Creative Director tal-kumpanija u li skond hu gie fl-istess livell ta' Tonio Galea li kien li Studio Manager. Offrewlu kuntratt gdid u anke zieda fis-salarju b'effett mill-ewwel t'April 2014 u zieda ohra ta' bejn 300 ewro u 650 ewro netti fix-xahar skond il-performance tieghu b'effett minn April 2016.

Bejn 2013 u 2015 huwa kien l-intermedjarju bejn l-istudio u l-management u fl-istess waqt kien jiehu hsieb diversi progetti mill-bidu sat-tmiem, jiltaq mall-klijenti u jaghmel presentations.

F'Ottubru 2015 Chris Bianco direttur iehor tal-istess socjeta' ntimata, sejjah lilu, lil Tony Galea Studio Manager u lil Gilbert Bonnici Deputy Studio Manager l-ufficcju tieghu u nfurmahom bil-merger li ser ikun hemm bejn is-socjeta' ntimata u Visual Trends u l-pjan kien li dan il-merger jibda fis-sehh f'Jannar 2016. Huwa wera t-thassib tieghu dwar dan il-merger l-aktar ghax Visual Trends ma kienetx ahjar mis-socjeta' ntimata ghax kienet toffri servizzi anqas izda qalulu biex ma jinkwetax ghax is-socjeta' ntimata kienet diga' hadet hsieb li tirrevedi l-kuntratti ezistenti li kellha.

Xahar wara f'Novembru 2016 Bianco u Adrian Fabri Direttur iehor tas-socjeta' ntimata nfurmaw lill-haddiema kollha bil-merger ma' Visual Trends u li ser ikun fis-sehh minn Jannar 2016 u anke ghamlu press conference fir-rigward. Id-diretturi baqghu jassiguraw lill-

haddiema li xejn mhu ser jinbidel bil-merger u li hegguhom sabiex jghinu lill-haddiema ta' Visual Trends li kienu ha jiccaqalqu fl-ufficcji tas-socjeta' ntimata  jintegraw maghhom. Huma kienu anke ftahru mall-gazzetta li "*The new company has not revealed its plans – and there is clearly something big up its sleeve, with Mr Cassar hinting there were other synergies with third parties that needed to be developed through 'collaborations'*. Pero' skond Caselli pjanijiet ma kienx hemm u l-kollaborazzjonijiet qatt ma gew realizzati.

F'Dicembru 2015 bdiet il-kollaborazzjoni ma' Visual Trends – l-ewwel mall-Creative Department ta' Visual Trends immexxija minn Chris Anastasi bhala Art Director li kien ser ikun l-counterpart tieghu u ta' Tony Galea, u Steve Cassar, li kellhom jippreparaw l-brand tal-merger u jilloncjaw din il-brand f'Jannar 2016.  Huwa gie mitlub imur l-ufficcju ta' Visual Trends hafna drabi u huma kieu jmorru ghandhom sakemm inghaqdu mas-socjeta' ntimata. Izda huwa, Tony Galea, Fiona Pace u Richard Hili u mpjegati ohra minn dipartimenti ohra tas-socjeta' ntimata bhal Web and Digital Department bdew jindunaw bid-differenza u anke disregard da parti tal-Creative Department ta' Visual trends.  Huma gharfu b'dan lil Bianco, Fabri d-diretturi tas-socjeta' ntimata u lil Steve Cassar ta' Visual Trends u qalulu biex jahdem wahdu fuq il-merger launch campaign mall-creative department tas-socjeta' ntimata.

F'Jannar 2016 saret il-merger u f'Marzu huwa ppropona lil Tony Galea l-Istudio Manager u lil Chris Anastasi Art Director ta' Visual Trends biex jibda jahdem fuq work flow systems u studio structure godda sabiex ix-xoghol jigi facilitat izda ghalkemm Tony Galea ghogbitu l-idea Anastasi ma wera ebda nteress u ghalhekk huwa avvicina lil Bianco u lil Steve Cassar izda lanqas dawn ma taw kasu.

F'Mejju 2016 huwa talab laqgha ma' Chris Bianco sabiex jiddiskuti l-paga tieghu skond l-kuntratt t'Ottubru 2013 izda din il-laqgha baqghet qatt ma saret sakemm fl-ahhar qalulu biex ikellem lil Steve Cassar.  Huwa hassu dispjacut li Bianco njorah wara tlettax-il sena jahdem mieghu u meta jaf li huwa kien irrifjuta xoghol iehor b'aktar paga meta weghdu li huwa ser ikollu pakkett ahjar jekk jibqa' mas-socjeta' ntimata.

Gara li bejn il-haddiema tas-socjeta' ntimata u dawk ta' Visual Trends bdiet tinholoq hafna friction ghax skond hu tal-ahhar kienu qed jigu trattati ahjar minnhom.  Steve Cassar kien jaghmel preferenzi mall-ex haddiema ta' Visual Trends u lilhom kien jinjorahom kompletament anke fil-bongu ta' filghodu.

Wara diversi tentattivi f'Gunju 2016 huwa rnexxielu jiltaqa' ma' Steve Cassar, Tony Galea u Chris Anastasi u meta huwa ppropona l-idea li kellhom jigu kreati zewg mixed teams maghmul minn haddiema taz-zewg kumpaniji, Cassar irrifjuta li jsir dan u li ghalhekk huwa ried li l-ex haddiema ta' Visual Trends jibqghu jahdmu ndipendentement mill-haddiema tas-socjeta' ntimata.  Caselli jghid li Cassar waqt din il-laqghu ma kkunsidrahx bhala il-Creative Director ta' l-istudio u pprova jceknu u jikkritika l-inizjattiva' tieghu.  Huwa jghid izda li xoghol li haddiema ta' Visual Trends kienu jaghmlu u li Cassar jikkonsidra bhala boring jew li jehtiegu hafna sighat xoghol gie trasferit lid-designers tas-socjeta' ntimata fosthom lilu, Fiona Pace, Richard Hili, u Gilbert Bonnici; dan ix-xoghol kien jinkludi annual reports, bond issues u advertising campaigns ta' klijenti fosthom Corinthia, IHI, Global Capital, RMM, MIA u Melita.

Caselli jkompli jghid li aktar ma jghaddi z-zmien aktar beda jinnota li huwa u Tony Galea bdew jigu involuti anqas fl-istudio u l-haddiema li kienu ma' Visual Trends kien jinghatalhom anqas xoghol minnhom. Huwa jsemmi bhala ezempju lil Ian Buhagiar li kien ma' Visual Trends bhala designer u responsabbli mill-Melita li huwa kien ikollu jaghmel tajjeb ghan-nuqqas tieghu ghax jew ikun imsiefer, marid jew jiehu l-leave xi jumejn qabel il-presentation li ma jkunx hadem fuqha xejn u huwa jkollu jahdem sighat twal sabiex jaghmel ix-xoghol li suppost kellu jaghmel Ian Buhagiar.

Izda f'Awissu 2016 wara li rnexxielu jaghmel laqgha ma' Steve Cassar u Chris Bianco rigward iz-zieda fil-paga skond il-kuntratt tax-xoghol tieghu, Cassar qallu car u tond li ebda zieda ma kien ser jinghata u li l-kuntratt tax-xoghol li kellu ma kienx ser jigi onorat. Caselli jghid li huwa kien mifqugh bix-xoghol u Cassar irrifjuta li ex-haddiema ta' Visual Trends imorru jghinuh. Meta kien jara lil dawn l-ex haddiema ta' Visual Trends ma jaghmlu xejn fosthom lil Ian Buhagiar u huwa dejjem mifqugh bix-xoghol, dan wassal biex jikkawzalu hafna stress u anke kellu jirraporta sick ghax-xoghol.

Fl-istaff party tal-Milied 2016 id-diretturi Chris Bianco, Adrian Fabri u Steve Cassar infurmawhom li Melita ma kienux aktar klijenti taghhom u ghalkemm f'Jannar 2017 ix-xoghol naqas xi ftit minhabba dan, Ian Buhagiar li kellu biss il-Melita kien jirraporta ghax-xoghol ma jaghmel xejn u ghal Steve Cassar huwa ma kellux jghin lill-ohrajn fix-xoghol taghhom.

Huwa lmenta diversi drabi dwar dan, izda kien kollu ghal xejn sakemm fi Frar 2017 l-istudio manager Tony Galea u huwa gew eskluzi mill-Management team u fis-27 ta' Marzu 2017 ghajjatlu Chris Bianco u hu haseb sabiex jghidlu li ser iziduh fil-paga skond il-kuntratt tax-xoghol li kellu, izda b'sorpriza ghalih, Bianco pprezentalu l-ittra ta' redundancy b'effett immedjat u ordnawlu jitlaq mix-xoghol immedjatament. Bhalu gralhom Fiona Pace, Richard Hili minn l-istudio u Hynek Yrba mill-audio visual department. Dan kien daqqa ta' harta kbira ghalih.

Huwa hadha bi kbira hafna ghax ghalih din kienet umiljazzjoni kbira li ghadu jbati biha sal-lum – huwa nghata s-sensja minghajr ma tawh ebda ghazla jridx jahdem in-notice jew jithallas tan-notice u li dan ghalih kienet tkeccija u mhux redundancy. Huwa ma giex offrut xoghol alternattiv u lanqas l-opportunita' li jerga' jinnegozja s-salarju tieghu sabiex isalva l-impjieg tieghu. Lanqas s-samples tax-xoghol tieghu cioe' l-portfolio ma hallewh jiehu. Dan kollu affettwalu hafna sahhtu.

Huwa beda jaghmel xoghol ta' freelance izda ghalih dan kien hafna difficli ghax dejjem bhala mpjegat hadet. Baghat xi mija u ghoxrin (120) CV's u kien biss f'Mejju 2017 li sab xoghol full-time bhala Senior Designer b'paga fix-xahar in-nofs li kellu mas-socjeta' ntimata.

F'Lulju Steve Cassar xtara barra lil Chris Bianco u Adrian Fabri li kienu d-diretturi tas-socjeta' ntimata sabeix ha l-kontroll assolut tas-socjeta' ntimata hu u li llum tlett impjegati biss minn sebgha u tletin li kellha is-socjeta' ntimata qabel il-merger baqghu mas-socjeta' ntimata.

Caselli temm jghid fl-affidavit li f'Ottubru 2017 huwa ha promotion bhala Creative Director wara li ghadda l-perjodu tal-probation u dan bhala rikonoxximent mill-employer tieghu tas-snin ta' esperjenza u professjonalita' fix-xoghol tieghu.

**A fol 27 xehed Steve Cassar Managing Director mas-socjeta' ntimata** u ilu f'din il-kariga mill-ewwel tas-sena 2017 u qabel mall-istess kumpanija kien jokkupa l-kariga ta' Direttur. Huwa xehed li r-rikorrenti kollha kienu jahdmu fl-istess dipartiment Creative Department, wiehed bhala cioe' Alessandro kien Creative Director u t-tnejn l-ohra Fiona u Richard designers fl-istess dipartiment u ghalhekk dawn l-ahhar tnejn kienu fl-istess grad. L-istruttar kienet hekk: Manager 2, Creative Director, Art Director Senior Designers, Designers, u Studio Manager u xi nies ohra li kienu jaghmlu web u design izda ma kienetx assenjati mall-Creative Department. Creative Director huwa lead designer (fol 33).

Cassar spjega li r-raguni ghat-terminazzjoni tal-impjieg kienet li l-kumpanija kienet qed titlef il-flus u d-Diretturi hadu mizuri sabiex ma jibqax isir dan u wahda mill-mizuri kienet li tnaqqas il-haddiema. Fis-sena 2015 inghaqdu l-kumpanija JP Advertising u Visual Trends u f'Jannar tas-sena 2016 l-merger gie effettiv. Huma bdew jitilfu l-klijenti fis-sena 2016, il-kumpanija kienet top heavy cioe' over resourced skond hu u ghalhekk kellha tnaqqas il-haddiema. F'Mejju / Gunju 2016 kellhom jaghmlu diversi tibdiliet fl-operat mhux biss billi jnaqqsu l-haddiema izda anke d-Diretturi kellhom l-paga mnaqqsa u nies ohra fit-top level u dan sabiex l-kumpanija tigi fuq saqajha finanzjarment. Huwa obliga ruhu li jipprezenta l-management accounts sabiex jipprova dan li xehed dwaru.

**A fol 36** et huwa kompla jixhed li l-kariga ta' Creative Director is at the top of the pinnacle of the team. Alessandro kellu l-kariga ta' Creative Director u t-tnejn l-ohra kellhom l-kariga ta' Designers. Huwa spjega li f'Dicembru 2015 huma kienu tilfu klijent kbir u ghalhekk kellhom iceknu u jaghtu s-sensja lit-tlett rikorrenti. Huma kellhom jingaggaw HR consultants sabiex jikkrejaw processi godda u xoghol gdid mat-team. Ix-xoghol naqas u n-natura tal-business inbidel ukoll tant li mhux ix-xoghol kollu beda jkun ta' natura digitali. Illum il-kumpanija thaddem tlieta u ghoxrin (23) ruh li qed jaghmlu l-istess xoghol li kien isir f'Gunju 2017.

Huwa spjega kif il-kumpanija fis-sena 2016 ghamlet telf u anke f'Marzu 2017 kienet ser taghmel telf (fol 34); li huma kienu ser jappuntaw awdituri godda u ghalhekk ma setax jipprezenta l-audited accounts tal-kumpanija.

**A fol 193 et in kontro-ezami Steve Cassar xehed** li meta saret il-merger is-socjeta' ntimata kienet parti minn grupp ta' kumpaniji li kienu joperaw flimkien izda huwa ma kellux sehem minnhom. Is-socjeta' ntimata ma kellhiex ishma f'dawn il-kumpaniji. Meta lix-xhud saret referenza ghal HR handbook esebit liema handbook isemmi Visual Trends, Blaze Productions High Pro Biscuits bhala kumpaniji formanti parti mill-group ta 'kumpanija, Cassar xehed li dawn kienu aktar suppliers milli related companies, anzi huwa jsejhilhom preferred suppliers' status (fol 205 overleaf). Huwa jammetti li kien involut f'Visual Trends u kellu 50% shareholding f'Visual Trends u Visual Trends inghaqdet mas-socjeta' ntimata u huwa, Chris Bianco u Adrian Fabri saru shareholders tas-socjeta' ntimata kwantu ghal terz tal-ammont tal-ishma kull wiehed. Huwa kien ukoll Direttur fil-Bord tad-Diretturi anzi Operations Director u t-tlieta li huma kienu diretturi. Fis-sena 2017 huwa xtara sehem

Bianco u Fabri. Il-merger sehhet b'effetti mill-ewwel ta' Jannar 2016 u r-redundancies saru b'effett minn Marzu 2017. Huwa kkonferma li Fiona Pace, Richard Hili, Gabriel Bajada u Matthew Farrugia kienu kollha jaghmlu design work. Kien hemm aktar nies fid-design studio u semma lil Eric, Ian, Chris, Glenn u kien hemm interens ukoll u certu Tony. L-impjegati kollha gew lokalizzati fl-ufficcji tas-socjeta' ntimata u l-equipment u l-ghodda u s-software li kienu juzaw dawn l-impjegati kienu kollha tas-socjeta' ntimata. Huwa jammetti li ma tridx li jkollok licenzja jew warrant sabiex tahdem ta' designer.

Mistoqsi jikkonferma li l-impjegati ta' Visual Trends kellhom l-job title emendat mall-merger jew ftit qabel il-merger u li dawn l-impjegati kellhom il-kundizzjonijiet tax-xoghol mibdula b'zieda fil-pagi qabel il-merger Cassar wiegeb li veru izda li dan ma sarx minhabba l-merger izda a bazi ta' kriterja ohra. Meta mistoqsi dwar Ian Buhagiar DokJP6 li juri li kien ma' Visual Trends fil-31 ta'Dicembru 2016 huwa kkonferma li Buhagiar kien impjegat ma' Visual Trends bhala Senior Designer skond ir-records ta' Jobsplus huwa xehed li hemm xi zball ghax Buhagiar kien impjegat bhala Public Relations Consultant u dan ghax l-informazzjoni lil Jobsplus ma gietx updated. Mistoqsi ghaliex ma nfurmawx lid-Dipartiment tax-Xoghol dwar il-merger u lill-haddiema x-xhud ma kienx jaf iwiegeb.

Mistoqsi xi kriterja adottat biex lil dawn it-tlett haddiema jaghmluhom redundant, huwa wiegeb li huma raw ix-xoghol li kienu jaghmlu, raw il-grad taghhom u ghazlu min kien l-ahhar f'dik il-kariga. Fil-kaz ta' senior designers, il-kriterja kienet li huma hadu in konsiderazzjoni kif jista' jitkompla x-xoghol. Dwar id-designers u senior designers huwa ghamel id-designers redundant. Huwa xehed li Richard u Fiona kienu Junior Designers u mhux Designers. Id-differenza bejn senior designers u designers hija l-esperjenza, l-work load,i x-xoghol li jkun irid isir u kif jadottaw ruhhom mall-klijenti. Huma pretendew li jkunu kunsiderati bhala senior designers.

**A fol 230 et fl-affidavit tieghu**, **Steve Cassar** spjega fir-rigward ta' Alessandro Caselli dan li gej: li d-decizjoni biex jaghmluh redundant grat minhabba li kien hemm tnaqqis fis-sales u tnaqqis fid-dhul wara li tilfu klijenti tajba li kienu jrendu sew lill-kumpanija. Huma raw l-areas fejn hemm overlap u over resourced u ezaminaw liema rwoli jistghu jigu assorbiti jew aboliti fid-dawl tas-sitwazzjoni u tal-forecasts futuri. L-istudio operations gew imnaqqsa radikament minn tnax-il persuna ghal nofs dan in-numru fis-sena u nofs / sentejn ta' wara. Huma kellhom jaghmlu tnejn min-nies ohra redundant wara li ghalqu l-audio-visual department li kien qed jitmexxa minn persuna wahda dak iz-zmien u li l-kariga giet wara abolita. Creative Director iehor ma mpjegawx u lanqas ziedu studio saff u hu jiehu hsieb l-creative direction.

Huwa jichad li ex Visual Trend staff inghataw preferenzi fuq Caselli u effettivament mit-tlett diretturi nvoluti dak iz-zmien tnejn minnhom kienu 'mpjegati' mall-JPA. Huwa dejjem irrispetta l-irwol ta' Caselli u pprova jkun inklussiv u fair ma' dak li ghamlu izda l-istrategija tieghu kienet li jibni teams madwar il-klijenti u jikkrea approach holistiku lill-process kreativ u dan kien ifisser bidla li mhux facli li tadotta fix-short term.

Huwa jghid li thallsu kollox tan-notice minflok li talbu lil dawn l-impjegati jahdmu n-notice.

Li l-merger kien sabiex iz-zewg operazzjonijiet li kienu kumplimentari ghal xulxin u mhux b'kompetizzjoni bejniethom jinghaqdu u li dak iz-zmien JPA kien tilef klijent tajjeb hafna tal-JPA cioe' lill-Bank of Valletta u ghalhekk mil-lat kummercjali l-merger kien jaghmel sens.

Li ebda tibdil fis-salarji u pagi ma saru wara l-merger u li Caselli beda johloq diffikultajiet meta gie mitlub jahdem u jmexxi launch-campaign ghall-merger. Bhala Creative Director huwa kien imissu kien pro-attiv sabiex jassigura li l-merger jimxi harir izda t-ton tieghu kien li ma ried jaghmel xejn fir-rigward. Li huwa pprova jinvolvi lil Caselli fil-process sabiex ma jkunx hemm il-mentalita ta' ahna u huma izda huwa kien jghidlu li qed jigi mitlub jaghti input f'oqsma li ma ghandhomx x'jaqsmu mall-kapacitajiet tieghu ta' bhal dawk ta' web development. Li sa fejn jiftakar Caselli qatt ma kellmu jipproponi xi mod differenti jew ahjar jew alternattiv dak iz-zmien u kieku ghamel hekk kien jiehu gost bil-feedback tieghu.

Ix-xhud jichad li Caselli ma kienx involut fil-progetti tant li fis-sena 2016 huwa kien involut hafna fin-new business pitches u progetti godda bhal Mriehel Foundation, Central Business District, Join Games, Smart City u Malta Design Week, MIGS, u JPA's own new 'YOU' fost ohrajn. Huwa jichad ukoll li lill-impjegati tal-ex JPA kien jinjorahom kif allega Caselli u bongu lil kulhadd kien jghid. Re fol 3 tal-affidavit ta' Caselli x-xhud jerga' jikkontendi li l-kumpanija ma setghetx iggor dawn l-ispejjez aktar. Huwa jichad ukoll li x-xoghol monotonu ta' Visual Trends ghaddih lil Caselli u li l-istrategija kienet li jaghmlu uzu mir-rizorsi kollha disponobbli sabiex inaqqsu mill-ispejjez u jaghmel tajjeb ghan-nuqqas ta' dhul.

Rigward Fiona Pace, Steve Cassar xehed li l-fatt li d-Diretturi ta' JPA assigurawhom li kollox ser jibqa' l-istess wara l-merger, ma jfissirx li nghataw garanzija ta' job security. Huwa cahad bil-qawwa kollha li r-redundancies kienu ghall-istaff ta' JPA sabiex jakkomodaw lill-istaff ta' Visual Trends izda kienu minhabba diffikulajiet finanzjarji tal-kumpanija li ma halliethomx minghajr ghazla ohra ghajr li jkeccu l-haddiema. Visual Trends ma kienetx a stand-alone company u kien hemm ammont ta' xoghol sostanzjali f'web, app u digital design izda bhala operazzjoni kienet ta' team wiehed multi dixxiplinarju minghajr ma dan ix-xoghol jinqasam f'dipartimenti.

Cassar jichad li lil Fiona Pace ghaddewla klijenti zghar u Corinthia, RSM, Air X u IHI ma humiex klijenti anqas pestiggjuzi. Il-klijenti kienu shared u x-xoghol kien maqsum fuq bazi ta' teams ghalkemm fil-fazi tranzitorja tal-merger huma ppruvaw izommu n-nies fil-comfort zone taghhom sakemm kien possibbli bl-istess funzjonijiet u rwoli li kellhom qabel. Huwa cahad li kienu jaghmlu preferenzi lill-istaff ta' Visual Trends u kulhadd kellu l-istess libertajiet u allowances u flessibilita'. Time-keeping ma kienux jinzammu u kienu jzommu biss kemm hin tkun hadet dik il-bicca xoghol sabiex ikunu jistghu jikkalkulaw l-qliegh minn dik il-bicca xoghol.

Huwa jichad ukoll li Pace ma nghatatx hin biex tigbor is-samples tal-portfolio tax-xghol taghha tant li fuq is-social media taghha u portfolio websites taghha tellghet samples tax-xoghol taghha minghajr il-kunsens tal-klijenti u tal-JPA. Mill-merger, tmienja minn tnax-il haddiem ta' Visual Trends irrizenjaw biex it-total ta' haddiema huwa ta' hmistax meta sa tlett snin ilu kien hemm aktar minn erbghin.

Rigward Richard Hili, Cassar jghid li mhux minnu li huwa kien senior ta' Matthew u dan ghaliex it-tnejn kellhom nomenklatura differenti, xoghol differenti, rwoli differenti u ghalhekk ma kienx hemm ebda nuqqas mill-kumpanija meta tat ir-redundancy lil Hili. Huwa jghid li mhux minnu li l-kumpanija ma kienetx qed tkun pro-attiva sabiex ir-risorzi umani u l-istrategiji operazzjonali jigu fis-sehh sabiex l-impjegati kollha jkunu jistghu jahdmu kif suppost. Huma kienu ngaggaw minn barra Human Resources Consultancy firms ghal sitt xhur biex jahdmu mall-management u l-impjegati biex ifasslu prattici godda u frameworks sabiex jippruvaw jaghtu effett lill-integrazzjoni tajba ghaz-zewg gruppi ta' haddiema biex jahdmu flimkien izda sfortutament kellhom problemi finanzjarji li kienu qed jheddu l-viabilita ta' dan l-ezercizzju.

Rigward id-deadlines dawn lil kull impjegat kienu jinghataw u ebda distinzjoni ma kienet issir bejn impjegat u iehor.  Meta Hili kellu problemi personali l-kumpanija hadet hsieb biex ix-xoghol tieghu meta kien off jinqasam bejn il-kollegi tieghu.

Rigward l-ikla tal-Milied din saret ghal l-istaff biex jigi celebrat l-ahhar tas-sena u hija insinifikanti rigward spejjez.

Huwa jghid li kienu in good faith meta taw is-sensji u dan ghamluh sabiex ikunu jistghu jeghlbu l-problemi finanzjarji li kellhom.

**In kontro-ezami fol 243 et Steve Cassar** xehed li bil-lingwa ngliza u kkonferma li mil-lat operattiv iz-zewg kumpaniji kienu jahdmu flimkien u li J.P. Advertising kienet tifforma parti minn group ta' kumpaniji anzi wara kkorega ruhu u xehed 'It is not a group of companies, they are related companies'.  Huwa kkonferma li d-diretturi kellhom shares f'dawn il-kumpaniji li kienu jahdmu flimkien.  Huwa xehed li JP ma kellhiex shareholding f'dawn il-kumpaniji.  Meta saret referenza ghall-H.R. Handbook li huwa pprezentat mall-affidavits fejn jirrizulta li hemm referenza ghal Visual Trends, Blaze Prodcutions, High Pro Biscuits huwa wiegeb li dawn ma humiex related companies izda suppliers. Huwa kkonferma li kien involut f'Visual Trends u kellu 50% shareholding f'din il-kumpanija meta Visual Trends inghaqdet ma' J.P. Advertising.  Mall-merger huwa, Chris Bianco u Adrian Fabri saru shareholders ta' JPA kwantu ghal terz mill-ishma kull wiehed.  Huwa kien ukoll Operation Director u t-tlett shareholders kienu diretturi fil-kumpanija.  Fis-sena 2017 huwa xtara l-ishma taz-zewg shareholders l-ohra u kompla bit-tibdil fil-kumpanija JPA.

Ix-xhud Steve Cassar ikkonferma li l-merger bdiet mil-1 ta' Jannar 2016 u r-redendancies saru b'effett minn Marzu 2017 u li f'dak il-perjodu Fiona Pace, Richard Hili, Gabriel Bajada u Matthew Farrugia kienu parti minn tnax-il persuna li kienu jaghmlu design work.  Mistoqsi jghid min kienu dawn it-tnax huwa ma ftakarhomx kollha u semma lil Gabriel, Gilbert, Alessandro, Fiona, Richard, Eric, Ian, Chris, Glenn u Tony u kien hemm xi interns. Mall-merger l-impjegati kollha gew migbura fl-ufficcji tal-JPA u kienu juzaw l-ghodda u software u equipment ta' JPA wkoll. Huwa kkonferma li ma ghandekx bzonn licenzja jew diploma biex taghmel design work.

Meta mistoqsi jikkonferma li mall-merger l-impjegati ta' Visual Trends inbidlet in-nomenklatura tax-xoghol taghhom huwa xehed li dan sar qabel u ma kellu x'jaqsam xejn mall-merger. L-istess it-tibdil fil-kundizzjonijiet tax-xoghol tal-istess impjegati Cassar xehed

li dan sar qabel il-merger u li ma kellu x'jaqsam xejn mall-merger. Iz-zieda fil-pagi kienet bazata fuq kriterji varja u mhux minhabba l-merger. Huwa ma kienx jaf li qabel il-merger impjegati ta' JPG Ventures kienu nghataw kuntratt gdid ta' xoghol b'kundizzjonijiet godda ta' xoghol.

Meta muri Dok JP6 prezentat minn Jobsplus li juri li Ian Buhagiar kien impjegat ma' Visual Trends fil-31 ta' Dicembru 2016 bhala Graphic Designer, Cassar wiegeb li Buhagiar kien jokkupa l-kariga ta' Relations Consultant wara l-merger. Minn dok JP5 jirrizulta li Ian Buhagiar huwa registrat bhala Senior Designer u kkonferma li l-effective date of merger hija l-1 ta' Jannar 2016. Huwa ma jiftakarx li kien involut fil-bidla tan-nomenklatura ta' Buhagiar wara l-merger. Huwa kkonferma li fis-sena 2016 sakemm saru r-redundancies l-impjegati ma gewx maghrfa bid-dritt taghhom li jeleggu xi hadd minnhom sabiex jirrapprezentahom.

Mistoqsi jispjega kif gew maghzula dawn it-tlett impjegati sabiex jigu redundant, ix-xhud wiegeb li kien hemm tlett kriterji – we looked at what the work was done were in the hierarchy of things. There is an organogram which actually also presented here and when we had to choose it was both from the lower end and from the top end. Huwa spjega li ghamel id-designers redendant mhux is-senior designers. Huwa spjega li Richard u Fiona kienu Junior Designers ftit wara kkorega ruhu li kienu designers u mhux senior designers. Id-differenza bejn designers u senior designers hija l-esperjenza, workload, u x-xoghol li kienu jaghmlu u l-adaptability to meet with clients. Huwa kkonferma li ma kienx hemm klijenti li lmentaw dwar Richard u Fiona. Bhala ghodda kienu juzaw l-istess bhal Senior Designers izda s-Senior Designers jithallsu izjed u ghandhom responsabilita' izjed ghax 'It is that someone can also take on the responsibility of asking questions with the client, being able to present to the client, being able to be a bit more conceptual, the level of work that they can do, the responsibility of that work. Now there are different decrees. They are not irresponsible people.' Huwa kkonferma li Fiona u Richard kienu jiltaqghu mall-klijenti.

Huwa spjega li l-post ta' Creative Director u Senior Designers jew Designers gew assorbiti sabiex ma jkunx hemm overlap bejn irwol u iehor u dan sar wara li sar a cost cutting exercise across the board. Kien hemm min irrizenja u ohrajn minflokhom, huma ma dahlux. Mistoqsi dwar Dok ABC1 li juri li s-socjeta' ntimata fis-sena 2017 kellha disa' mpjegati u mhux tnax kif qed jikkontendi x-xhud, Cassar wiegeb li ghax kien hemm impjegati 'overlapping the digital side'. Isemmi dwar dawn it-tlett haddiema huma ma kellux. Huwa jammetti li r-redundancy qatt ma giet diskussa maghhom. Huwa cahad li saret xi preferenza mall-impjegati ta' ex Visual Trends. Huwa spjega ghaliex ma geddewx il-kuntratt li kellhom mall-Melita plc cioe' ghax Melita kienet qed taghmilha mpossibbli li tahdem maghhom billi tbiddel ir-rules of engagement fosthom li kellhom retainer u wara jbiddlu dan u jiddettaw kemm ser tkun ir-remunerazzjoni ghalihom li ghamlitha mpossibbli ghalihom li jkomplu jahdmu lill- Melita.

Dwar Fiona Pace, ma jiftakarx li din ilmentat mieghu wara l-merger li haddiema b'anqas snin ta' xoghol minnha kienu qed jiehdu salarju aktar minnha meta dawn kienu jaghmlu l-istess xoghol bhala, huwa wiegeb li ma jiftakarx u meta gie mfakkar li qallha li t-titlu ma jfisser xejn u wiegeb li jista' jkun li qallha hekk pero' mhux dirett lejn Fiona u li ma kienx hemm zmien biex jindirizzaw din l-anomalija. Dwar li ma thallewx jiehdu l-portfolio

taghhom Cassar wiegeb li jekk baqghalhom xi haga ohra x'jiehdu jghaddilhom bil-qalb kollha.

Dwar Chris Anastasi x-xhud jghid li Chris minn dejjem kien Art Director u li mhux minnu li bejn l-2000 u l-2013 huwa kien Graphic Designer u qabel huwa kien Senior Designer sakemm lahaq Art Director. U li jekk Linkedln profile isemmi dan huwa ma ghandux kontroll fuqu.

**Chris Bianco** fl-istatement tieghu mhux guramentat, xehed li huwa kien Managing Director tas-socjeta' ntimata sa' Lulju 2017. Illum ma ghadux mas-socjeta' ntimata. Huwa xehed li l-finanzi kienu f'idejn il-partner tieghu Adrian Fabri u Steve Cassar kienu jiehu hsieb l-aspett kreattiv tal-business.

Rigward Caselli, Hili u Pace Bianco kkonferma li dawn kienu mpjegati u parti mid-design studio team. Caselli kien Creative Director u Hili u Cassar kienu designers. Meta tilfu lill-Melita bhala klijent lejn l-ahhar tas-sena 2016, huma hassew hafna dan il-klijent u bdew jaghmlu telf kbir li ma hallilhomx triq ohra ghajr li jaghtu s-sensji u jaqtghu l-ispejjez. Bhala rizultat tal-merger id-design studio l-aktar li kellu bzonn li jitnaqqsu l-haddiema u ghalhekk ddecidew li jnehhu r-rwoli ta' Creative Director l-aktar rwol gholi u dak l-aktar baxx ta' Designer u minghajrhom xorta jkunu jistghu joperaw u xogholhom jiehduh l-membri l-ohra tat-team sabiex b'hekk anke l-klijenti taghhom ma jbatux. Wara li taw is-sensji lil dawn it-tlett impjegati huma ghalqu l-Audio-Visual department u anke hemmhekk kellhom jaghtu s-sensja lill-impjegat iehor minn dan id-dipartiment. Anke s-salarji tad-diretturi kellhom jigu mnaqqsa u l-ispejjez tal-marketing u entertainment gew imnaqqsa wkoll u beda jkollhom 'a very tight budget for any company expenses in all areas'. Huwa temm billi xehed li huwa lil dawn it-tlett impjegati billi offrielhom li jaghmlilhom reference letter u li jghinnhom isibu xoghol alternattiv izda huma qatt ma accettaw l-offerta tieghu.

**Fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2019 xehed Brandon Magri in rapprezentanza tad-Direttur Dipartiment tax-Xoghol u Relazzjonijiet Industrjali** li d-dipartiment ma giex notifikat rigward it-transfer of business li sehh bejn J.P. Advertising Limited C no 5846 u Visual Trends fis-snin 2015 u 2016.

**Fl-istess seduta xehed Joseph Saliba in rapprezentanza ta' Jobsplus** li pprezenta l-employment history sheet ta' Fiona Catherine Pace, ta' Richard Hili u ta' Alessandro Caselli u l-lista tal-impjegati ma' J.P.Advertising Limited fil-31 ta' Dicembru 2015 u tal-1 ta' Jannar 2016 u lista tal-impjegati ohra mill-1 ta' Jannar 2016 sal-25 t'April 2019, l-lista tal-impjegati ta' Visual Trends fil-31 ta' Dicembru 2015 u fl-1 ta' Jannar 2016, it-termination forms ta' Richard Hili, ta' Fiona Pace u ta' Alessandro Casselli.

**A fol 215 xehed Carmen Gove** li ilha mas-socjeta' JPA ghal dsatax-il sena u qabel il-merger kienet taghmel xoghol ta' H.R. Hija kienet tahdem ma' Fiona, Alessandro u Richard fix-xoghol ta' kampanji pubblicitarji u li t-tlieta kienu jaghmlu xoghol ta' designers. Dan ix-xoghol kien jinvolvi l-marketing department ukoll kienu jaghmlu brainstorming flimkien u l-marketing kien jiehu hsieb l-kampanji vis a vis l-media. Ir-relazzjonijiet mall-klijent kienu xoghol il-Marketing Executive izda jkun hemm okkazzjonijiet fejn id-Designer jiltaqa' mall-

klijent izda dan mhux in-norma. Rigward Jobsplus u staff u pagi dan kien xoghol jew id-diretturi jew l-Administration Department u mhux l-H.R.

**A fol 218 xehed Anthony Galea li huwa kellu l-kariga ta' Studio Manager mas-socjeta' JPA** u li ma ghadux jahdem maghha. Huwa kien il-manager ta' Alessandro, Fiona u Richard u li Alessandro kien Art Director u Creative Director, kellu zewg irwoli izda ma kienx jaf jiddistingwi bejn irwol u iehor ghax il-progetti kienu jkunu simili. It-tnejn l-ohra Fiona u Richard kienu designers u fid-dipartiment kien hemm seba' designers. Wara l-merger huwa ma kienx responsabbli fit-tqassim tax-xoghol izda qabel iva. Huwa spjega li x-xoghol kien jinqasam wara l-merger lid-designers skond it-tip ta' xoghol cioe' animation kien imur ghand Eric u -xoghol l-iehor lid-designers l-ohra izda kollha kellhom l-istess piz ta' xoghol u ma kienx hemm differenza minn kif kienu jahdmu qabel il-merger ghal dak li jirrigwarda l-post fejn kienu jahdmu u l-ghodda li kienu juzaw biex jahdmu.

**A fol 233 l-avukat tas-socjeta' ntimata** pprezenta s-salarju ta' Alessando Caselli – Creative Designer, Fiona Pace u Richard Hili – Graphic Designers u l-paga ta' Studio Manager, Deputy Studio Manager / Designer, Art Director, tat-tlett Senior Designers.

**Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrjali**

**(i) Eccezzjoni dwar il-kompetenza ta' dan it-Tribunal f'kaz ta' redundancy**

**Ra r-risposta tas-socjeta' ntimata fol 18** li permezz taghha l-istess socjeta' ntimata eccepiet li dan hu kaz ta' terminazzjoni a bazi ta' redundancy u ghaldaqstant filwaqt li hu maghruf li t-Tribunal irid jezamina l-mertu hu eccepit li t-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni fir-rigward. Li l-fatti fil-qosor huma li l-kumpanija kienet qed topera b'telf kif jigi muri waqt is-smiegh u kien hemm bzonn ta' ristrutturar b'dan l-irwol tar-rikorrent kellu jigi eliminat.

**A fol 42 l-avukat tas-socjeta' ntimata** spjega li l-ewwel eccezzjoni tieghu hija fis-sens li minhabba li d-definizzjoni ta' tkeccija ngusta li hemm fil-ligi fejn jinghad li jekk hija kaz ta' redundancy ma hemmx tkeccija ngusta; li peress li hija miktuba hekk l-eccezzjoni titpogga b'dan il-mod imma huwa car li jridu jinstemghu l-provi fil-mertu dwar it-tkeccija biex jekk eventwalment jirrizulta li hemm redundancy it-Tribunal teknikament flok jghid li t-tkeccija hija kienet wahda konformi mal-ligi u allura mhux ingusta sempliciment jghid li kienet redundancy allura ma hemmx gurisdizzjoni.

Dwar din l-eccezzjoni t-Tribunal jiddeciedi wara li jikkunsidra l-mertu u l-provi prodotti.

**(ii) Dwar il-Mertu**

**(a) Kunsiderazzjonijiet legali dwar redundancy u merger**

It-Tribunal jinnota li s-Socjeta` ntimata tibbaza l-argument tat-terminazzjoni tat-tlett rikorenti fuq sitwazzjoni ta' *redundancy*. Ir-rikorrenti jikkontendu li din kienet tkeccija ngusta.

It-Tribunal jagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-31 ta' Mejju 2012 fl-ismijiet Rachel Bugeja vs PSG Limited bħala Operator tal-lukanda Metropole Hotel fejn f'din id-deċizjoni l-Qorti tal-Appell tidħol sew fit-tifsira ta' redundancy u tagħmel referenza għal diversi deċizjonijiet oħra li jirrigwardjaw din iċ-ċirkustanza ta' sensja (redundancy). Din id-deċizjoni tagħmel referenza għas-sentenzi Remi Armeni vs Francis Busuttil & Sons Limited (AIC RCP – 28 ta' Ġunju 2011 u Alessandra Theuma vs Alfred Mansion et (AIC 23 ta' Mejju 2008 u li f'dawn is-sentenzi hemm affermati l-linji gwida kif stabbiliti mill-Qrati Inglizi . Dawn il-linji gwida huma s-segwenti:

a) *Was the employee dismissed;*
b) *If so had the requirements of the business for the employees to carry out the work of a particular kind ceased or diminished (or were expected to so do)*
c) *If so, was the dismissal caused wholly or mainly by the state of affairs (vide Appell Inf per RCP 14.2011 fl-ismijiet Rachel Bugeja vs PSG limited noe 31.5.2012.*

Illi dawn ir-rekwiżiti ttieħdu mid-deċizjoni tal-Qorti Ingliża Safeway Stores plc v Burrell (1997) u fl-imsemmija sentenza jagħmel referenza għaliha l-awtur Norman Selwyn fejn jgħid li:

*18.19. in considering the definition of redundancy earlie cases appear to have cocentrated on the work which the employee actually did (the function test) and the work which the employee was obliged to do under his contract (the contract test); but in Safeway Stores plc vs Burrell it was stated that both approaches eree wrong, and that it is the statutory definition which must be considered. The true test required employment tribunals to consider whether there was a diminution or cessation in the employer's requirements for employees to carry out work of a particular kind and not to focus on the work of the individual employee (Selwyn's Law of employment 19th Edition – para 18.19. p 480).*

Illi f'dawn it-tip ta' sitwazzjonijiet l-**awtur Norman Selywen jgħid is-segwenti:**

> *"Potentially, 'economic, technical or oraganisational reasons', is a wide concept, but it is generally a restricted meaning. In Wheeler v Patel, the EAT held that an economic reason entailing a change in the workforce must relate to the conduct of the business concerned, so that the transferor's attempt to obtain a higher price for sale by acceding to the demands of the transferee to dismiss the workforce does not constitute an economic reason. An earlier decision to the contrary (Anderson v Dalkeith Engineering Ltd) has been disapproved (see Gateway Hotels Ltd v Steward). But a redundancy dismissal brought about solely to obtain a contract is an ETO reason and is not analogous to a dismissal brought about solely to obtainna best price for the business (Whitehouse v Charles Blatchford & Sons Ltd). If the transferee does not need the transferor's worforce, so that a redundancy situation is produced, this is within reg 7 (2) (Meikle v McPhail). If, on the transfer of business, employees are dismissed for reason of redundancy without the transferor being contractually required to do so, this will be evidence of the unfairness of the dismissals (Lister v Forth Dry Dock and Engineering Co ltd, see paras 9.3 and 9.34). Even when there is an ETO reason which*

> *results in redundancies, the employer concerned must still act fairly in treating that reason as a sufficient reason for the dismissal (Gibson v Ciro Citterio). The standard way of dealing with redundancies must be followed, that is, fair selection procedures, search for alternatives, full consultation with the workforce and their represantives, etc.*
> *The decision must be one made on the need to entail changes in the workforce. Generally, this could be a change in the number of employees employed, or a change in the functions of those employed. Thus, if whole job contents have to be changed because of the transfer, this may consistute a change in the workforce (Crawford v Swinton Insurance Brokers Ltd). If something else is sought to be changed (eg the pay of the employees who are transferred) the resultant dismissal will be unfair (Berriman v Delabole Slate Ltd). However, this does not prevent a mutually agreed variation for an ETO reason[1]" (Selwyn's Law of Employment 19th Edition – Astra Emir Oxford University Press (206) para 9.57 u 9.58 p 270)*

Illi minn dan il-bran, b'analogija, t-Tribunal jara li l-fattispeci tal-kwistjoni odjerna tirrispekkja mhux ftit f'dak li hawn riportat fl-imsemmi bran tal-awtur citat. In oltre, l-istess awtur jsostni li:

> *"If the employee is unfairly dismissed in connection with the transfer, his rights lie against the transferee, not the transferor. This is so even if the dismissal took place before the transfer, if the reason was connected with the transfer[2]."(ibid para 9.60 p 271)*

**(b) Kunsiderazzjonijiiet legali dwar Merger**

Dan it-Tribunal ikkunsidra li l-**artikolu 38 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta** li jghid is-segwenti:

> (1) Meta negozju jew azjenda oħra jittieħed il-kontroll tagħhom, għal kollox jew f'parti, minn persuna (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msejjħa "l-persuna li lilha jiġi trasferit in-negozju") mingħand prinċipal (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msejjaħ "min jittrasferixxi"), **kull impjegat fl-impieg ta' min jittrasferixxi fid-data tat-trasferiment tan-negozju għandu jitqies li jkun fl-impieg tal-persuna li lilha jiġi trasferit in-negozju l-persuna li lilha jiġi trasferit in-negozju għandha tassumi d-drittijiet u l-obbligi kollha li min jittrasferixxi għandu rigward l-impjegat.**

---

[1] Selwyn's Law of Employment 19th Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2016) – paragrafi 9.57 u 9.58, p. 270.

(2) Min jittrasferixxi u l-persuna li lilha jiġi trasferit in-negozju għandhom jinfurmaw lir-rappreżentanti tal-impjegati dwar l-impjegati rispettivi tagħhom li ser jkunu milquta bit-trasferiment dwar –

(a) id-data jew id-data maħsuba għat-trasferiment;
(b) ir-raġunijiet għat-trasferiment;
(ċ) l-implikazzjonijiet legali, ekonomiċi u soċjali tat-trasferiment għall-impjegati; u
(d) il-miżuri li ser jittieħdu rigward l-impjegati.

(3) Wara t-trasferiment, il-persuna li lilha jiġi trasferit in-negozju għandha tkompli tosserva l-patti u l-kundizzjonijiet miftehma f'xi ftehim kollettiv bl-istess mod kif kienu applikabbli għal min jittrasferixxi taħt dak il-ftehim, sad-data tat-tmiem jew egħluq tal-ftehim kollettiv, jew il-bidu fis-seħħ jew l-applikazzjoni ta' ftehim kollettiv ieħor.

(4) Is-subartikoli (1) u (3) ma jgħoddux għat-trasferiment ta' azjenda, negozju, jew parti minn azjenda jew negozju fejn min jittrasferixxi hu suġġett għal proċeduri ta' falliment jew ta' stralċ ordnat mill-Qorti skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kumpanniji, jew proċeduri oħra ta' falliment li nbdew biex jiġulikwidati l-assi ta' min jittrasferixxi u huma taħt is-sorveljanza ta' likwidatur nominat mill-Qorti.

(5) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti biex jippreskrivi l-mod li bih għandhom jinżammu l-konsultazzjonijiet bejn il-prinċipal u r-rappreżentanti tal-impjegati; l-proċedura li għandha tiġi adottata; l-kategoriji jew il-klassijiet ta' mpiegi li huma eżenti mill-effetti ta' dan l-artikolu, u kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam jew hi anċillari għal dan.

(6) Kull persuna li tonqos li tħares id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew ta' xi regolamenti magħmula taħtu, tkun ħatja ta' reat kontra dan l-Att.

**Ikkunsidra l-artikolu 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 452.85 dwar it-Trasferiment ta' Negozju senjatament:**

(1) L-artikolu 38 tal-Att u dawn ir-regolamenti għandu japplika:

(a) għal kull trasferiment ta' azjenda, negozju, jew parti minn azjenda jew negozju lil prinċipal ieħor b'riżultat ta' trasferiment jew fużjoni legali:

Iżda jkun hemm trasferiment skont dan ir-regolament kull meta jkun hemm trasferiment ta' enti ekonomika li tibqa' żżomm l-identità tagħha, bl-objettiv li ssegwi attività ekonomika;

(b) għal bidla fil-forniment ta' servizz;

(ċ) għal kull azjenda li tagħmel attivitajiet ekonomiċi kemm jekk dik l-attività hija ċentrali jew anċillari kemm jekk le, u kemm jekk tkunx topera għall-qligħ kemm jekk le;

(d) meta u safejn l-azjenda, negozju jew parti mill-azjenda jew negozju li se jkun ittrasferit ikun sitwat f'Malta;

(e) għal trasferiment ta' bastiment tal-baħar li huwa parti minn trasferiment ta' impriża, negozju jew parti minn impriża jew negozju fis- sens ta' dan ir-regolament:

Iżda min jirċievi t-trasferiment għandu jkun jinsab, jew l-impriża, in-negozju, jew parti minn impriża jew negozju ttrasferiti jibqgħu f'Malta:

Iżda wkoll l-artikolu 38 tal-Att u dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw fejn l-oġġett tat-trasferiment jikkonsisti esklużivament minn bastiment tal-baħar wieħed jew aktar.'

Is-subregolament (3) tal-istess regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.85 jipprovdi wkoll illi:

(3) It-trasferiment ta' azjenda, negozju, jew parti minn azjenda jew negozju skont dawn ir-regolamenti:

(a) jista' jiġi effettwat permezz ta' transazzjoni waħda jew aktar; u

(b) jista' jsir sew jekk xi proprjetà, mobbli jew immobbli,tiġi trasferita lil min qed jirċievi t-trasferiment minn min qed jittrasferixxi jew le.

**Il-leġislazzjoni sussidjarja 452.85 tagħti ukoll is-segwenti definizzjonijiet**:

"trasferiment" tfisser trasferiment ta' azjenda li żżomm l-identità tagħha bħala grupp organizzat ta' riżorsi li għandu l-objettiv li jsegwi attività ekonomika u għandu jinkludi bidla fil-forniment ta' servizz skont dawn ir- regolamenti;

"min jittrasferixxi" tfisser persuna naturali jew legali li, bis-saħħa ta' trasferiment ta' azjenda jew parti minn ażjenda, li jinkludi bidla fil-forniment tas-servizz, tieqaf milli tkun il-prinċipal fir-rigward ta' azjenda jew parti minn azjenda trasferita b'dan il-mod;

"min jirċievi t-trasferiment" tfisser kull persuna naturali jew legali li, bis-saħħa ta' trasferiment, li jinkludi bidla fil-forniment tas-servizz, issir il-prinċipal fir- rigward ta' azjenda jew parti minn azjenda trasferita b'dan il-mod.

**Direttiva 77/187 tal-Unjoni Ewropea kienet tapplika**, "to the transfer of an undertaking, business or part of a business to another employer as a result of a legal transfer or merger" (artikolu 1(1) tad-Direttiva). L-għan tad- Direttiva kien:

> "to provide for the protection of the employees in the event of a change of employer, in particular, to ensure that their rights are safeguarded'".

Id-Direttiva li ġiet aġġornata bid-direttiva 2001/23 tat-12 ta' Marzu, 2001. artikolu 4 tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropeja 2001/23EC u li giet inkorporata fil-Legislazzjoni Sussidjarja 452.85, precizament regoalment 5 (2). Dan ir-regolament jistipula s-segwenti: -

> (2) It-trasferiment tal-azjenda, negozju jew parti mill-azjenda jew negozju m'għandux fih innifsu jikkostitwixxi raġuni biżżejjed għat-tkeċċija ta' impjegati minn min jittrasferixxi jew minn min jirċievi t-trasferiment:
>
> Iżda din id-dispożizzjoni ma' timpedixxi ebda tkeċċija li tista' ssir għal raġunijiet ekonomiċi, tekniċi jew ta' organizzazzjoni li jitolbu li jsiru bidliet fl-għadd ta' nies li jaħdmu[3].

Fis-sentenza **'Spikjers vs Gebroeders Benedik Abattoir CV et'** tat-18 ta' Marzu, 1986 il-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea qalet:-

> "12. Consequently, a transfer of an undertaking, business or part of a business does not occur merely because its assets are disposed of. Instead it is necessary to consider, in a case such as the present, whether the business was disposed of as a going concern, as would be indicated, inter alia, by the fact that its operation was actually continued or resumed by the new employer, with the same or similar activites.
>
> 13. In order to determine whether those conditions are met, it is necessary to consider all the facts characterizing the transaction in question, including the type of undertaking or business, whether or not the business's tangible assets, such as buildings and movable property, are transferred, the value of its intangible assets at the time of the transfer, **whether or not the majority of its employees are taken over by the new employer**, whether or not its customers are transferred and the degree of similarity between the activities carried on before and after the transfer and the period, if any, for which those activities were suspended. It should be noted, however, that all those circumstances are merely single factors in the overall assessment which must be made and cannot therefore be considered in isolation.

---

[3] Legislazzjoni Sussidjarja 452.85, Regolamenti Dwar Harsien tal-Impjiegi Fit-Trasferiment ta' Negozju.

14. It is for the national court to make the necessary factual appraisal, in the light of the criteria for interpretation set out above, in order to establish whether or not there is a transfer in the sense indicated above".

Fil-kaz ta' **Christel Schmidt** (C-392/92) tal-14 t'April, 1994 dik il-Qorti qalet:

"17. According to the case-law of the Court (see the judgment in Spijkers, cited above, at paragraph 11, and the judgment in Case C-29/91 Dr Sophie Redmond Stichting v Partol and Others [1992] ECR I-3189, at paragraph 23), the decisive criterion for establishing whether there is a transfer for the purposes of the directive is whether the business in question retains its identity. According to that case-law, the retention of that identity is indicated inter alia by the actual continuation or resumption by the new employer of the same or similar activities. Thus, in this case, where all the relevant information is contained in the order for reference, **the similarity in the cleaning work performed before and after the transfer, which is reflected, moreover, in the offer to re-engage the employee in question, is typical of an operation which comes within the scope of the directive and which gives the employee whose activity has been transferred the protection afforded to him by that directive**".

Rilevanti wkoll dak li ntqal fis-sentenza **Redmond Stichting v Hendrikus Bartol et** (C-29/91) tad-19 ta' Mejju, 1992 fejn il-Qorti qalet li d-direttiva tapplika:

"... wherever, in the context of contractual relations, there is a change in the natural or legal person who is responsible for carrying on the business and **who incurs the obligations of an employer towards employees of the undertaking** (see, most recently, the judgment in Case 101/87 Bork International v Foreningen af Arbejdsledere i Danmark [1988] ECR 3057, paragraph 13).

Fil-kaz '**Maria Norma Abela vs Pater Holding Company Limited et**' deciz fit-30 t'April 2008[4], il-Qorti tal-Appell qalet:

Mill-interpretazzjoni taghha ta' dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi [ l-artikolu 38 (1) tal-Kap 452 u r-regolament 3 (1) (a) tal-LS 452.85], il-Qorti taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) L-ewwelnett, il-presuppost ghall-iskattar ta' l-Artikolu 38 tal-Kapitolu 452 ghaf-favur ta' l-impjegat hu dak li hu jkun assunt mill-kumpanija cedenti f'mument anterjuri ghat-trasferiment, b' mod li, allura, bhal successur fit-titolarita ta' l-azjenda jew tan-negozju, ic-cessjonarju jsir il-principal gdid tieghu. Ifisser, ukoll, illi fis-successjoni

[4] Appell Nru: 32/2007

ta' dan ir-rapport tax-xoghol c-cessjonarju subentranti jidhol fil-posizzjoni guridika shiha, attiva u passiva, vis-à- vis l-impjegat;

(2) In-negozju, kkonsidrat fl-individwalita` awtonoma tieghu, jitlob il-konkors ta' zewg objettivi principali. Il- wiehed, oggettiv, rapprezentat mill-kontinwita` tan-negozju jew attivita' bhala entita' ekonomiku. L-iehor, soggettiv, konsistenti fis-sostituzzjoni ta' l-imprenditur li kien imexxi dak in-negozju jew attivita`;

(3) It-"trasferiment" a sensu tar-regolament imsemmi jirrikorri f' dik l-ipotesi fejn l-attivita' objettiva tan-negozju tibqa' immutata, b' dan li ghandek it-tibdil tat-titolari. Jimplika wkoll, b' konsegwenza, illi dak in-negozju ser jissokta jigi prosegwit mit-titolari l-gdid;

Fermi dawn il-konsiderazzjonijiet li johorgu mir-ratio tad-dixxiplina normattiva fl-artikolu ta' l-Att u tar-Regolament korrispondenti, mahsuba biex jiggarantixxu l-kontinwita' u r-regolamentazzjoni tar-rapport tax-xoghol, hu kompitu tal-gudikant li jaccerta x' kien, skond il-volonta tal-kontraenti, l-oggett specifiku tal-kuntratt. Dan dejjem ghal fini li jkun verifikat u stabbilit jekk in-negozju jew attivita` ceduta giex ikkunsidrat fl-awtonomija ndividwali tieghu;"

Fil-kaz '**João Filipe Ferreira da Silva e Brito and Others v Estado Português**' deciz fid-9 ta' Settembru 2015 il-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea elenkat is-segwenti principji generali[22]:

"24 ......it must be borne in mind that the Court has held that Directive 77/187, which has been codified by Directive 2001/23, is applicable wherever, in the context of contractual relations, there is a change in the natural or legal person responsible for carrying on the business who incurs the obligations of an employer towards employees of the undertaking (see judgments in Merckx and Neuhuys, C-171/94 and C-172/94, EU:C:1996:87, paragraph 28; Hernández Vidal and Others, C-127/96, C-229/96 and C-74/97, EU:C:1998:594, paragraph 23; and Amatori and Others, C-458/12, EU:C:2014:124, paragraph 29 and the case-law cited).

25 According to settled case-law, the aim of Directive 2001/23 is to ensure continuity of employment relationships within an economic entity, irrespective of any change of ownership. The decisive criterion for establishing the existence of a transfer within the meaning of that directive is, therefore, the fact that the entity in question retains its identity, as indicated inter alia by the fact that its operation is actually continued or resumed (see judgments in Spijkers, 24/85, EU:C:1986:127, paragraphs 11 and 12; Güney- Görres and Demir, C-232/04 and C-233/04, EU:C:2005:778, paragraph 31 and the case-law cited; and Amatori and Others, C-458/12, EU:C:2014:124, paragraph 30 and the case-law cited).

> 26 In order to determine whether that condition is met, it is necessary to consider all the facts characterising the transaction concerned, including in particular the type of undertaking or business concerned, whether or not its tangible assets, such as buildings and movable property, are transferred, the value of its intangible assets at the time of the transfer, whether or not the majority of its employees are taken over by the new employer, whether or not its customers are transferred, the degree of similarity between the activities carried on before and after the transfer, and the period, if any, for which those activities were suspended. However, all those circumstances are merely single factors in the overall assessment which must be made and cannot therefore be considered in isolation (see judgments in Spijkers, 24/85, EU:C:1986:127, paragraph 13; Redmond Stichting, C-29/91, EU:C:1992:220, paragraph 24; Süzen, C-13/95, EU:C:1997:141, paragraph 14; and Abler and Others, C-340/01, EU:C:2003:629, paragraph 33)."

**Kompetenza ta' dan it-Tribunal**

Dwar il-kompetenza ta' dan it-Tribunal issir referenza ghall-artikolu **75(1) (a)(b) tal-Kap 452** li jistipula s-segwenti:

*(1) Minkejja kull ma jinsab f'kull ligi ohra, t-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni eskluziva li jikkunsidra u jiddeciedi;*

*(2) (a) il-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ngusta; u*

*(3) Il-kazijiet kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-titolu I ta' dan l-att jew ta' regolamenti preskritti tahtu ghal kull ghan barra minn procedura dwar reati kontra xi ligi u r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci jew li mod iehor jallega l-ksur tad-dritt tieghu skont it-Titoli I ta' dan l-att ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'ohra.*

Illi minn dan l-artikolu hemm ghalhekk stipulati l-istanti fejn dan it-Tribunal ghandu jkollu gurisdizzjoni liema istanti huma elenekati fl-ismemmi artikolu.

In oltre l-**Artikolu 2 tal-istess artikolu 75 tal-Kap 452** jaghti t-tifsira tal-kliem 'tkeccija ngusta' dwar haddiem cioe li din tfisser:

(a) It-temm mill-Principal dwar dak il-haddiem… li jkun temm li ma jsirx biss minhabba redundancy jew ghal raguni xierqa skont id-disposizzjonijiet rilevanti ta' dan l-Att jew xi regolamenti maghmulin that dan l-att jew

(b) Li jkun sar bi ksur tad-dispozizzjoniiet tal-artikolu 64(4) jew

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-provi:**

Mill-provi jirrizulta u anke l-istess Steve Cassar jikkonferma a fol 22 et fix-xhieda tieghu li fis-sena 2015 inghaqdu l-kumpanija JP Advertising u Visual Trends u f'Jannar tas-sena 2016 l-merger gie effettiv.

Illi mehuda dawn il-kunsiderazzjonijiet legali t-Tribunal fir-rigward ta' **Alessandro Caselli**, jirrileva li mill-provi jirrizulta dan li gej:

Li fit-28 ta' Novembru 2002 huwa ffirma kuntratt ta' mpjieg idefinit bhala Senior Designer mas-socjeta' ntimata b'effett mis-6 ta' Jannar 2003 ghal perjodu definit ta' tlett snin b'paga gross ta' LM6589 cioe' (Ewro 15,351.37c) fis-sena u LM996 (Ewro 2320.68c) petrol allowance fis-sena;

Li fl-10 ta' Mejju 2006 (fol 11 u 12) huwa gie nfurmat li l-kuntratt gie estiz sat-30 ta' Marzu 2008 u li l-paga tieghu b'effett mill-ewwel ta' Mejju 2006 kienet ser tizdied b'LM500 (Ewro 1,165) gross fis-sena u li mill-ewwel t'April 2007 l-paga tieghu kienet ser tizdied b'Lm400 (Ewro 932) gross fis-sena. Il-kuntratt baqa' jigi estiz u ghalhekk sar definittiv.

A fol 14 jirrizulta li fis-27 ta' Frar 2008 huwa nghata zieda fis-salarju tieghu b'effett mill-ewwel ta' Marzu 2008 u ghalhekk is-salarju tieghu zdied ghal Ewro 22,361.98 (LM9600) net.

Illi fit-13 t'Awissu 2013 fol 15 huwa gie nfurmat li l-paga tieghu b'effett mill-ewwel t'April 2014 kienet ser tizdied b'hames mitt ewro (Ewro 500) netti u li sal-ahhar ta' Marzu 2016 huwa kien ser jiehu zieda ohra ta' bejn Ewro 300 u Ewro 650 fix-xahar skond il-performance tieghu.

Li x-xoghol tieghu gie terminat a bazi ta' redundancy lack of work fis-27 ta' Marzu 2017. Dan jirrizulta wkoll mit-termination form ta' Alessandro Caselli li baghtet is-socjeta' ntimata lill-Jobsplus fol 176.

Illi meta gie terminat ix-xoghol tieghu Caselli kellu paga skond Fol 223 (Dok JP 9x esebit rik nru 3571/17 Richard Hili) – studo salaries fis-sena 2017 tal-impjegati mas-socjeta' ntimata .

Li fit-2 ta' Mejju 2017 huwa sab xoghol ma' Completion Limited u rregistra wkoll bhala part self-employed Graphic Designer fl-1 t'Awissu 2017. Is-segwenti dokumenti juru l-paga li kellu u li ghandu mall-istess Concept to Completion Limited:

Dok AC 05 fol 153 – paga tar-rikorrenti ghax-xahar ta' Mejju 2017 Ewro1600 u Ewro 38.26 fringe benefit ma Concept to Completion Limited
Dok AC 06 fol 154 – paga tar-rikorrenti ghax-xahar ta' Gunju 2017 Ewro 1526.15c u fringe benefit Ewro 73.85 ma Concept to Completion Limited
Dok AC 7 fol 155 – paga tar-rikorrenti ghax-xahar ta' Lulju 2017 Ewro 1600 u fringe benefit Ewro 40 ma Concept to Completion Limited
Dok AC 08 fol 156 – paga tar-rikorrenti ghax-xahar t'Awissu 2017 Ewro 1516.26c u fringe benefit Ewro 40 ma' Concept to Completion Limited
Dok AC 09 fol 157 – paga tar-rikorrenti ghax-xahar ta' Settembru 2017 Ewro 269.30c u fringe benefit Ewro 40 ma Concept to Completion Limited

Li meta wiehed **jifli l-lista tal-impjegati mas-socjeta' ntimata fil-31 ta' Dicembru 2015** fol 166 et jirrizulta li:

Alessandro Caselli r-rikorrent huwa registrat li beda jahdem mall-kumpanija mis-6 ta' Jannar 2003 bhala Senior Designer fuq bazi ta' kuntratt u a fol 168 li hija l-lista tal-impjegati fl-1 ta' Jannar 2016 huwa baqa' mnizzel li kien impjegat fuq kuntratt u mhux indefinit;

Matthew Farrugia beda jahdem bhala Senior Designer fl-1 ta' Jannar 2016 fuq kuntratt indefinit u fol 170 insibuh fil-lista tal-impjegati ta' Visual Trends sal-31 ta' Dicembru 2015 bhala li mpjieg indefinit bhala Designer mis-16 ta' Frar 2009 ;

Mizzi Paul beda jahdem fit-7 t'April 2008 bhala Senior Graphic Designer u ma hemmx imnizzel kienx fuq bazi definite jew indefinite u minn fol 182 imnizzel bhala 'provisional termination' ;

A fol 168 fil-lista tal-impjegati tas-socjeta' ntimata tal-1 ta' Jannar 2016 insibu li zdied Mangion Eric bhala Senior Designer indefinit mill-ewwel ta' Jannar 2016; minn fol 170 l-lista tal-impjegati ta' Visual Trends sal-31 ta' Dicembru 2015 Eric Mangion huwa mnizzel bhala Graphic Designer u li beda jahdem mall-kumpanija Visual Trends indefinite mill-ewwel ta' Gunju 2004;

Fl-istess perjodu cioe' sal-31 ta' Dicembru 2015 l-lista tal-impjegati ta' Visual Trends Limited fol 185 insibu lil Anastasi Christopher li dahal mall-kumpanija bhala Graphic Designer fit-3 ta' Meju 2004 u mill-1 ta' Jannar 2016 jinsab fuq il-kotba tas-socjeta' ntimata bhala Art Director mill-1 ta' Jannar 2016; lil Ian Buhagiar bhala Graphic Designer li beda fit-3 t'Ottubru 2005 ukoll fuq kuntratt indefinit, ma' Visual Trends u mill-1 ta' Jannar 2016 insibuha bhala Senior Designer mas-socjeta' ntimata; lil Matthew Farrugia li beda bhala Designer fis-16 ta' Frar 2009 u lil Eric Mangion li beda fl-1 ta' Gunju 2004 bhala Graphic Designer fuq bazi indefinit u baqghu hemm.

Interessanti l-fatt li minn fol 194 jirrizulta li Anastasi Christopher beda fuq il-kotba tas-socjeta' ntimata fl-1 ta' Jannar 2016 bhala Art Director; kif ukoll li minn fol 43 li screenshot tas-sitwazzjoni fis-27 ta' Marzu 2017 mehuda minn Alessandro Caselli dakinhar li gie mgharraf li qed jigi redundant, jirrizulta li Ian Buhagiar huma mnizzel bhal Senior Graphic Designer u li ilu fl-impjieg mas-socjeta' ntimata ghal hdax-il sena u sitt xhur meta sal-31 ta' Dicembru 2015 huwa mnizzel bhala mpjegat tas-socjeta' Visual Trends fol 185 bhala li ilu mpjegat mit-3 t' Ottubru 2005; l-istess Eric Mangion huwa mnizzel bhala Graphic Designer fuq il-kotba ta' Visual Trends mill-1 ta' Gunju 2004 sal-31 ta' Dicembru 2015, u fl-istess waqt imnizzel Senior Graphic Designer impjegat mas-socjeta' ntimata ghal dawn l-ahhar tnax-il sena u disa' xhur.

Minn fol 169 Tierney Maria Elizabeth tirrizulta li giet impjegata mas-socjeta' ntimata bhala Art Director mill-1 ta' Jannar 2016.

Minn Dok JP6 fol 170 jirrizulta li kienet impjegata bhala Graphic Desinger ma' Visual Trends & Co mid-9 ta' Novembru 2007 sal-31 ta' Dicembru 2015 bhala Marketing Accounts Executive u minn Dok JP7 fol 186 l-lista tal-impjegati ta' Visual Trends & Co sal-1 ta' Jannar 2016 hija baqghet immnizla fil-kotba tal-kumpanija bhala Marketing Accounts Executive.

Illi ghalhekk jirrizulta car li s-socjeta' ntimata ma mxietx bil-last in first out f'dan il-kaz stante li kien hemm impjegati ohra fl-istess grad tar-rikorrent Caselli li dahlu jahdmu warajh u li anzi nghataw promotion ghall-grad tieghu qabel ma nghata s-sensja u thallew hemm.

Illi jigi rilevat ukoll li f'dan il-kaz huwa s-socjeta Visual Trends & Co li nghaqdet mas-socjeta' ntimata u mhux vice versa; a fol 205 et Steve Cassar xehed li huwa kellu 50% shareholding f'Visual Trends and Visual Trends inghaqdet mas-socjeta' ntimata u huwa Chris Bianco u Adrian Fabri saru shareholders tas-socjeta' ntimata kwantu ghal terz tal-ammont tal-ishma kull wiehed. Huwa kien ukoll Direttur fil-Bord tad-Diretturi anzi Operations Director u t-tlieta li huma kienu Diretturi. Fis-sena 2017 huwa xtara sehem Bianco u Fabri. Il-merger sehhet b'effetti mill-ewwel ta' Jannar 2016 u r-redundancies saru b'effett minn Marzu 2017.

Ma jirrizulta li kien hemm ebda kundizzjoni sabiex certu haddiema jigu redundant sabiex tkun tista' ssir il-merger tant li Steve Cassar kien kuntent bli hemm meta fis-sena 2017 huwa xtara l-ishma tax-shareholders l-ohra tas-socjeta' ntimata.

Ma jistax jinghad li kien hemm konsultazzjoni mall-haddiema li ntlaqtu mir-redundancy, ma sarx fair selection procedure, ma saritx search for alternatives u ma saritx konsultazzjoni shiha mall-haddiema u r-rapprezentanti taghhom. Cassar a fol 205 et jammetti li kienu assiguraw lill-haddiema li kollox kien ser jibqa' l-istess wara l-merger izda skond hu dan ma jfissirx li nghataw granzija ta' job security; huwa jammetti wkoll a fol 205 et li d-Designers gew redundant izda mhux is-Senior Designers.

Dan juri bic-car fil-fehma ta' dan it-Tribunal li l-hadma li saret mis-socjeta' ntimata cioe' dik li taghti promotions sabiex tiggustifika r-redundancies.

Illi mill-provi prodotti, ma jirrizultax li kien hemm tibdil fil-funzjonijiet tar-rikorrenti li gew redundant anzi, jirrizulta li saru manuvri sabiex l-impjegati li kellha Visual Trends & Co li fiha kien hemm Steve Cassar jsiru mpjegati tas-socjeta' ntimata billi inholqilhom promotion li ghalih fix-xhieda tieghu stess kien qal lil Fiona r-rikorrenti li d-designation ma tfisser xejn, izda ghal dak li jirrigwarda r-redundancies jidher li dawn kienu jfissru ghax intuzaw biex jiggustifikaw lill-kumpanija ntimata ghaliex waslet biex tat is-sensja lit-tlett rikorrenti a bazi ta redundancy.

Mill-provi jirrizulta car li mall-merger is-socjeta' ntimata tat promotions lill-haddiema li gew trasferiti minn Visual Trends ghal mas-socjeta' ntimata sabiex minghaliha tiggustifika ir-redundancies ta' dawn it-tlett haddiema li minn dejjem kienu mas-socjeta' ntimata. Wiehed jifhem li Steve Cassar seta' kellu aktar fiducja fil-haddiema li jaf u li kienu mieghu ma' Visual Trends izda dan ma jiggustifikahx f'dak li sar cioe' li jwarrab il-haddiema tas-socjeta' ntimata cioe' t-tlett rikorrenti sabiex jagevola l-haddiema ta' Visual Trends.

Accounts tal-kumpanija per ezempju ma gewx esebiti bhala prova ghal dan l-allegat nuqqas ta' xoghol kif wieghed li jipprezenta Cassar fol 22 et; mill-estratt tal-gurnal Times of Malta esebit fol 77 anzi jirrizulta kemm il-kumpanija ghandha progetti li tespandi Malta u barra minn Malta grazzi ghal dan il-merger.

Saret il-prova li l-operat tas-socjeta' ntimata wara l-merger baqa' l-istess; li kienet is-socjeta' Visual Trends & Co li nghaqdet mas-socjeta' ntimata u mhux vice versa u ghalhekk ma kienx hemm titolari gdid fl-operat tal-kumpanija ntimata, li l-klijenti ta' Visual Trends & Co saru klijenti tas-socjeta' ntimata, li marru tajjeb xi mpjegati ta' Visual Trends meta hadu post lir-rikorrenti meta gew trasferiti mas-socjeta' ntimata u nholqitilhom promotion ghalihom b'effett mill-1 ta' Jannar 2016. It-tlett rikorrenti gew dikjarati redundant fis-27 ta' Marzu 2017 cioe' wara li nghataw promotions l-impjegati ta' Visual Trends u li referenza ghalihom saret hawn fuq.

Illi ghalhekk Steve Cassar ma jistax jitwemmen meta a fol 22 et xehed li huma bdew jitilfu l-klijenti fis-sena 2016, il-kumpanija kienet top heavy cioe' over resourced skond hu u ghalhekk kellha tnaqqas il-haddiema meta ghajr il-Melita huwa ma semmiex kuntratt liema kuntratt imbaghad irrizulta li gie terminat mis-socjeta' ntimata minhabba li ma kienx ghadu aktar vijabbli.

Kif ukoll, a fol 22 wkoll Steve Cassar ma jistax jitwemmen meta xehed ukoll li f'Mejju / Gunju 2016 kellhom jaghmlu diversi tibdiliet fl-operat mhux biss billi jnaqqsu l-haddiema izda anke d-Diretturi kellhom l-paga mnaqqsa u nies ohra fit-top level u dan sabiex l-kumpanija tigi fuq saqajha finanzjarment. Huwa obbliga ruhu li jipprezenta l-management accounts sabiex jipprova dan li xehed dwaru u meta tghidx kemm ftahar mat-Times of Malta li din il-merger ser iggib opportunitajiet ta' xoghol aktar kemm f'Malta u kemm barra minn Malta.

Illi ghalhekk il-linji gwida ta' redundancy cioe' li:

a) *Was the employee dismissed;*
b) *If so had the requirements of the business for the employees to carry out the work of a particular kind ceased or diminished (or were expected to so do)*
c) *If so, was the dismissal caused wholly or mainly by the state of affairs (vide Appell Inf per RCP 14.2011 fl-ismijiet Rachel Bugeja vs PSG limited noe 31.5.2012.*

Dawn ma gewx osservati kif lanqas giet osservata l-procedura ta' meta haddiem jinghata s-sensja senjatament dawk provduti fl-artikolu 38 tal-Kap 452 tant li kif jixhed Caselli stess fl-affidavit tieghu li meta fis-27 ta' Marzu 2017 huma gew infurmati bis-sensja u ordnawlhom jitilqu dak il-hin stess minghajr ma gew ofruti xoghol alternattiv, ma nghatawx ghaliex sfaw redundant u lanqas inghataw l-option biex jahdmu n-notice period jew biex jinnegozzjaw il-pakkett tal-paga mill-gdid sabiex jissalvagwardjaw l-impjieg tieghu.

Ma saret ghalhekk ebda prova li tiggustifika l-kumpanija ntimata a bazi tal-proviso tar-regolament 5(2) tal-Legislazzjoni sussidjarja cioe' li tali redundancy saret ghal ragunijiet ekonomici, teknici jew ta' organizzazzjoni li jitolbu li jsiru bidliet fl-ghadd ta' nies li jahdmu.

Illi dan it-Tribunal minn dawn il-provi mressqa jikkonkludi li dak li ghamlet is-Socjeta` ntimata kienet strategija fina billi tinheba wara l-proviso ta' regolament 5 (2) Legislazzjoni sussidjarja 452.85, sabiex tkun tista` tiggustifika l-agir taghha billi tinvoka dan il-proviso. Ma saret ghalhekk ebda prova li tiggustifika l-kumpanija ntimata a bazi tal-proviso tar-regolament 5(2) tal-Legislazzjoni sussidjarja cioe' li tali redundancy saret ghal ragunijiet ekonomici, teknici jew ta' organizzazzjoni li jitolbu li jsiru bidliet fl-ghadd ta' nies li jahdmu.

Illi dan it-Tribunal minn dawn il-provi mressqa jikkonkludi li dak li ghamlet is-Socjeta` ntimata kienet strategija fina billi tinheba wara l-proviso ta' regolament 5 (2) Legislazzjoni sussidjarja 452.85, sabiex tkun tista` tiggustifika l-agir taghha billi tinvoka dan il-proviso. Dan it-Tribunal mhux se jaccetta dan it-tip ta' atteggjament u stragemmi minn min ihaddem specjalment f'dawn it-tip ta' sitwazzjonijiet fejn hemm trasferiment ta' negozju.

Dan it-Tribunal mhux se jaccetta dan it-tip ta' atteggjament u stragemmi minn min ihaddem specjalment f'dawn it-tip ta' sitwazzjonijiet fejn hemm trasferiment ta' negozju u li ghalhekk qed jiddeciedi li jaghti ragun lir-rikorrenti u jiddikjara li t-temm tal-impjieg tar-rikorrenti jammonta ghal tkeccija ngusta.

**Decide**

It-Tribunal ghal dawn ir-ragunijiet qieghed jiddeciedi li t-tkeccija tar-rikorrent Alessandro Caselli kienet ingusta u ghalhekk dan it-Tribunal ghandu kompetenza li jiddeciedi il-kaz u ghalhekk jikkonkludi li t-talba ghall-kumpens timmerita li tigi akkolta minn dan it-Tribunal.

Illi t-Tribunal ha in kunsiderazzjoni kemm kien ilu mpjegat ir-rikorrent *nomine*, l-perjodu ta' xahrejn qieghed li l-istess rikorrent dam minghajr impjieg, sab xoghol alternattiv b'paga anqas ta' madwar Ewro 500 fix-xahar sa' Ottubru 2017, id-drabi li applika ghall-impjieg, l-ansjeta li ghadda minnu, d-diversi inizjattivi li ha sabiex il-kumpanija timxi ahjar u kif huwa kull darba gie njorat u kif dan ikkawzalu stress u ansjeta, l-mod kif gie ordnat jitlaq mix-xoghol minghajr ma jiehu l-portfolio tieghu, kif gie umiljat tenut kont li kien impjegat bhala Senior Desinger, kif lanqas il-kumpanija ma mxiet mieghu skond il-kuntratt tal-impjieg meta kien wasal iz-zmien li tizdied il-paga, kif il-kumpanija ma ghamlet xejn dwar meta mpjegat jinghata s-sensja, kif ukoll a bazi ta' dak deciz mill-Qorti tal-Appell dwar kif it-Tribunal Industrijali ghandu jasal ghall-komputazzjoni tal-kumpens u kif ukoll x'ghandu jikkonsidra sabiex jasal ghal tali kumpens. (vide Appell Civili 64/2017 – Qorti tal-Appell (Komptenza Inferjuri) fl-ismijiet Borg Carmel vs Malta Transport Services (Operations) Ltd deciza fid-9 ta' Marzu 2019, per l-Onorevoli Mhallef Anthony Ellul, u Appell Civili 90/2018 – Qorti tal-Appell (Komptenza Inferjuri) fl-ismijiet Pisani Marco vs The AV Warehouse Ltd deciza fil-11 ta' Frar 2019, per l-Onorevoli Mhallef Anthony Ellul, u Appell Civili Nru: 160/2018 fl-ismijiet, Publius Davison vs De La Rue Currency and Security Limited deciza 11 t'Ottubru 2019, per l-Onorevoli Mhallef Anthony Ellul.), dan it-Tribunal bhala kumpens it-Tribunal qieghed jordna lis-Socjeta' ntimata sabiex thallas kumpens fl-ammont ta' ghaxart elef ewro (€10,000) tenut kont li r-rikorrent wara xahrejn mis-sensja sab impjieg, ghalkemm b'salarju anqas, liema somma ghandha tithallas fi zmien xahar mid-data tad-decizjoni odjerna.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal qieghed jistabilixxi d-drittijiet tar-rapprezentanti legali tal-partijiet fl-ammont ta' €93.17c ghal kull rapprezentant legali.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni ta' xoghol.

(Iffirmat)
**Avv. Anna Mallia**
**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**